

Brussell, 10 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13302/22

ENV 982

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Intenzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ diskussjonijiet biex tingħaqad, f'isem l-UE, mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis tal-Plastik - Awtorizzazzjoni għan-negozjar

1. Fid-29 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota li tistabilixxi l-intenzjoni tagħha li tiftaħ diskussjonijiet biex tingħaqad, f'isem l-UE, mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja (HAC) biex Jintemm it-Tniġġis tal-Plastik. In-nota ġiet iċċirkolata lill-Istati Membri fid-dokument 11716/22.
2. L-HAC għandha l-għan li tappoġġa n-negozjati intergovernattivi, abbażi tar-risoluzzjoni 5/14 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UNEA), dwar strument legalment vinkolanti biex jintemm it-tniġġis tal-plastik. Dawn in-negozjati ser jibdew fit-28 ta' Novembru 2022. Il-Koalizzjoni tnediet min-Norveġja u r-Rwanda fit-23 ta' Awwissu 2022. Membri ġodda jistgħu jingħaqdu magħha fi kwalunkwe mument.
3. L-HAC għandha titqies bħala strument mhux vinkolanti (NBI) li fih impenji politiċi¹. In-nota tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq tikkostitwixxi l-ewwel pass (preparatorju) fil-proċedura tal-NBI.

¹ F'konformità mal-Arranġamenti bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill dwar proċeduri mhux vinkolanti, kif jinsabu fid-dokument 15367/17.

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (Aspetti Globali) iddiskuta n-nota fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Settembru 2022 u sussegwentement esprima l-appoġġ tiegħu għall-intenzjoni tal-Kummissjoni, permezz ta' proċedura ta' silenzju informali fid-29 ta' Settembru 2022.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina n-nota tal-Kummissjoni fl-10 ta' Ottubru 2022. Id-delegazzjonijiet kollha qablu mal-intenzjoni tal-Kummissjoni kif imniżżla fin-nota msemmija hawn fuq.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ diskussjonijiet biex tingħaqad, f'isem l-UE, mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis tal-Plastik, kif tinsab fid-dokument 11716/22, u biex dan id-dokument jintbagħat lill-Kunsill biex, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fih.